

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 13

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

20 ta' Jannar 2009

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2009/C 13/01	Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet	1
2009/C 13/02	Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija	3

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2009/C 13/03	Rata tal-kambju ta' l-euro	5
2009/C 13/04	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar il-Każ COMP/M.4942 — Nokia/Navteq — Relatur: Franza	6
2009/C 13/05	Rapport Finali ta' l-Uffiċjal tas-Seduta fil-Każ COMP/M.4942 — Nokia/Navteq	7
2009/C 13/06	Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.4942 — Nokia/Navteq)	8

Nota lill-qarrej (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2009/C 13/01)

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni	10.12.2008
Nru tal-għajnuna	N 2/08
Stat Membru	L-Italja
Reġjun	Provincia Autonoma di Bolzano
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Aiuti per il pagamento di premi assicurativi nel settore zootecnico
Bażi ġuridika	Legge della Provincia di Bolzano n. 11 del 14 dicembre 1998 [Articolo 4, lettera k] Progetto di Deliberazione della Giunta provinciale di Bolzano del 27 agosto 2008 sui criteri e modalità per la concessione di aiuti per il pagamento di premi assicurativi nel settore zootecnico
Tip ta' miżura	Skema
L-għan	Għajnuna għal assigurazzjoni fis-settur agrikolu
Forma tal-għajnuna	Sussidji f'kont kapitali
Baġit	Baġit globali: EUR 9 600 000 Baġit annwali: EUR 1 600 000
Intensità	50 % massimu
Tul	Mid-data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni sal-31.12.2013
Is-setturi ekonomiċi	L-agrikultura
Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna	Provincia Autonoma di Bolzano Via Conciapelli 69 I-39100 Bolzano
Aktar tagħrif	L-għajnuna timmodifika l-għajnuna approvata mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-Dossier NN 78/2000 (ex N 165/2000), partikolarment f'dak li jirrigwarda t-tweġġigh tal-kategoriji tal-benefiċjarji

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni	8.12.2008
Numru tal-għajnuna	N 223/08
Stat Membru	Spanja
Reġjun	—
Titlu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Ayudas a la inversión en favor de una gestión sostenible de las deyecciones porcinas
Bażi ġuridika	Proyecto de Real Decreto de 2008 por el que se establecen medidas de apoyo para determinados proyectos de mejora de la gestión medioambiental de las deyecciones porcinas. Ley General de Subvenciones n° 38/03 de 17 de noviembre de 2003
It-tip ta' miżura	Skema
Għan	Għajnuna ta' investiment għal aktar titjib fil-ġestjoni sostenibbli ambjentali għall-ħmieġ tal-ħnieżer
Forma tal-għajnuna	Għotja diretta
Baġit	Baġit totali: EUR 20 miljun (2008-2012) Baġit annwali: EUR 4 Miljuni
Intensità	75 %-60 % — Mass. EUR 200 000 għal kull proġett
Tul ta' żmien	Mid-data ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni sal-31.12.2008
Setturi ekonomiċi	L-agrikoltura
L-isem u l-indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna	Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentación Paseo Infanta Isabel, n° 1 E-28014 Madrid
Informazzjoni oħra	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija

(2009/C 13/02)

Għanijiet u prinċipji

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jagħtu l-ogħla importanza lit-titjib tal-komunikazzjoni dwar temi tal-UE biex iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, li d-deċiżjonijiet fiha jittieħdu b'mod miftuħ qrib taċ-ċittadini kemm jista' jkun, b'osservanza tal-prinċipji tal-pluraliżmu, tal-parteeċipazzjoni, tal-ftuħ u tat-trasparenza.
2. It-tliet Istituzzjonijiet jixtiequ jinkoraġġixxu l-konverġenza ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, biex jippromwovu l-valur miżjud tal-approċċ tal-UE fil-komunikazzjoni dwar temi Ewropej, biex ikunu ffaċilitati l-iskambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki u biex jiġu żviluppanti sinerġiji bejn l-Istituzzjonijiet meta ssir komunikazzjoni marbuta ma' dawn il-prijoritajiet, kif ukoll biex tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni fost l-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri fejn xieraq.
3. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu li l-komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tirrikjedi impenn politiku mill-Istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri, u li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà proprja tagħhom li jikkomunikaw maċ-ċittadini dwar l-UE.
4. It-tliet Istituzzjonijiet jemmnu li attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar kwistjonijiet Ewropej għandhom jagħtu lil kulħadd aċċess għal informazzjoni ġusta u diversa dwar l-Unjoni Ewropea u jippermettu liċ-ċittadini jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jesprimu l-opinjoni tagħhom u biex jipparteċipaw attivament fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea.
5. It-tliet Istituzzjonijiet jippromwovu r-rispett għall-multilingwiżmu u d-diversità kulturali meta jimplementaw azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni.
6. It-tliet Istituzzjonijiet huma impenjati politikament biex jilhqnu l-oġettivi ta' hawn fuq. Huma jħeġġu lill-Istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra tal-UE biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom u biex jikkontribwixxu, jekk ikunu jixtiequ hekk, għal dan l-approċċ.

Approċċ bi sħubija

7. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiffaċċjaw l-isfida tal-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE fi sħubija bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE biex jassiguraw komunikazzjoni effettiva ma', u informazzjoni oġġettiva, lill-akbar udjenza possibbli fil-livell xieraq.

Huma jixtiequ jiżviluppaw sinerġiji ma' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Huma jixtiequ għal dan il-għan jinkoraġġixxu approċċ ta' sħubija prattiku.

8. F'dan il-kuntest, huma jfakkru l-irwol prinċipali tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Infommazzjoni (IGI) li jservi ta' qafas flivell għoli għall-Istituzzjonijiet biex jinkoraġġixxi d-dibattitu politiku dwar attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-UE sabiex jitravmu s-sinerġija u l-komplimentarjetà. Għal dak il-għan, l-IGI, kopresedut mir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea, u bil-parteeċipazzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħala osservaturi, jiltaqa' fil-prinċipju darbtejn fis-sena.

Qafas għal ħidma flimkien

It-tliet Istituzzjonijiet għandhom l-intenzjoni li jikkooperaw fuq il-bażi li ġejja:

9. Waqt li jirrispettaw ir-responsabbiltà individwali ta' kull Istituzzjoni tal-UE u tal-Istati Membri fir-rigward tal-istrategġija ta' komunikazzjoni u l-prijoritajiet tagħhom, it-tliet Istituzzjonijiet fil-qafas tal-IGI ser jidentifikaw numru limitat ta' prijoritajiet ta' komunikazzjoni komuni kull sena.

10. Dawn il-prijoritajiet ser ikunu bbażati fuq prijoritajiet ta' komunikazzjoni identifikati mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE wara l-proċeduri interni tagħhom u jikkomplimentaw, fejn xieraq, il-viżjonijiet strateġiċi u l-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam, waqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-aspettattivi taċ-ċittadini.
11. It-tliet Istituzzjonijiet u l-Istati Membri ser ifittxu li jippromwovu appoġġ xieraq għal komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet identifikati.
12. Is-servizzi responsabbli għall-komunikazzjoni fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jaħdmu flimkien biex jassiguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni komuni, kif ukoll attivitajiet oħra relatati mal-komunikazzjoni tal-UE, jekk meħtieġ abbażi ta' arranġamenti amministrattivi adatti.
13. L-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri huma mistednin jiskambjaw informazzjoni dwar attivitajiet ta' komunikazzjoni oħra relatati mal-UE, b'mod partikolari fuq attivitajiet ta' komunikazzjoni settorali previsti mill-Istituzzjonijiet u l-korpi meta jirriżultaw f'kampanji ta' informazzjoni fl-Istati Membri.
14. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta lura fil-bidu ta' kull sena lill-Istituzzjonijiet l-oħra tal-UE dwar is-suċċessi ewlenin milħuqa fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni komuni tas-sena ta' qabel.
15. Din id-dikjarazzjoni politika ġiet iffirmata fit-tnejn u għoxrin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja.

Magħmul fi Strasburgu, fit-tnejn u għoxrin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja.

*Għall-Parlament
Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
ta' l-Unjoni Ewropea
Il-President*

*Għall-Kummissjoni
tal-Komunitajiet Ewropej
Il-President*

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro ⁽¹⁾**Id-19 ta' Jannar 2009**

(2009/C 13/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3182	AUD	Dollaru Awstraljan	1,9628
JPY	Yen Ġappuniż	119,16	CAD	Dollaru Kanadiż	1,6492
DKK	Krona Daniża	7,4509	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,2273
GBP	Lira Sterlina	0,90470	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,4223
SEK	Krona Żvediża	10,7870	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,9693
CHF	Frank Żvizzeru	1,4812	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 800,62
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,2716
NOK	Krona Norveġiża	9,1200	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,0111
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,3997
CZK	Krona Ċeka	27,708	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 618,84
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	4,7198
HUF	Forint Ungeriż	283,55	PHP	Peso Filippin	62,130
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	43,5998
LVL	Lats Latvjan	0,7035	THB	Baht Tajlandiż	46,038
PLN	Zloty Pollakk	4,3435	BRL	Real Brażiljan	3,0813
RON	Leu Rumen	4,3050	MXN	Peso Messikan	18,4192
TRY	Lira Turka	2,1768	INR	Rupi Indjan	64,0910

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2008 rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar il-Każ COMP/M.4942 — Nokia/Navteq

Relatur: Franza

(2009/C 13/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni notifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament KE dwar l-Amalgamazzjonijiet u li tista' titqies li għandha dimensjoni Komunitarja skond l-Artikolu 4(5) ta' dak ir-Regolament.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li din hija amalgamazzjoni vertikali li tinkludi s-swieq tal-prodotti li ġejjin:
 - Databases ta' Mapep Diġitali Navigabbli — Suq upstream,
 - Softwer tan-Navigazzjoni — Suq intermedjarju,
 - Applikazzjonijiet ta' Navigazzjoni għal Settijiet tat-Telefown Ċellulari — Suq downstream I,
 - Settijiet tat-Telefown Ċellulari — Suq downstream II.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għal Databases ta' Mapep Diġitali Navigabbli huwa globali fl-ambitu tiegħu.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għal Softwer ta' Navigazzjoni huwa globali fl-ambitu tiegħu.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għall-Aplikazzjonijiet ta' Navigazzjoni għal Settijiet tat-Telefown Ċellulari jinfirx fuq medda almenu daqs iż-ŻEE.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għal Settijiet tat-Telefown Ċellulari jinfirx fuq medda almenu daqs iż-ŻEE.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li l-entità amalgamata ma jkollha ebda inċentiv li tgħolli l-prezz jew twaqqa' l-kwalità/iddewwem l-aċċess għal Databases ta' Mapep Diġitali Navigabbli lil uħud mill-kompetituri tagħha fis-swieq ta' Applikazzjonijiet ta' Navigazzjoni għal Settijiet tat-Telefown Ċellulari u Settijiet tat-Telefown Ċellulari.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta x'aktarx mhux se tirriżulta f'impatt antikompetittiv għad-detriment tal-konsumatur.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni proposta mhix se tirriżulta f'ostaklu sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata għandha titqies bħala waħda li hija kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament KE dwar l-Amalgamazzjonijiet.
11. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni ta' din l-opinjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Rapport Finali ⁽¹⁾ ta' l-Uffiċjal tas-Seduta fil-Każ COMP/M.4942 — Nokia/Navteq

(2009/C 13/05)

Fid-19 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika formali skond l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha l-Korporazzjoni Nokia ("Nokia"), takkwista l-kontroll sħiħ tal-Korporazzjoni Navteq permezz tax-xiri ta' ishma, skond it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Wara eżami tan-notifika, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni notifikata tqajjem dubji serji rigward il-kompatibbiltà mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE ("Ftehim ŻEE"). Għaldaqstant, fit-28 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura skond l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Fil-21 ta' April 2008 u t-2 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni pprovdiet lil Nokia bl-aċċess għal dokumenti ewlenin, inklużi verżjonijiet mhux kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet lil partijiet terzi, skond il-paragrafu 45 tal-Aqwa Prassi tal-DĠ għall-Kompetizzjoni dwar il-kondotta tal-proċedimenti tal-kontroll tal-għaqdiet.

Abbażi tal-provi addizzjonali li nġabru matul il-fażi profonda tal-investigazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li t-tranżazzjoni proposta ma għandhiex timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni u għalhekk hija kumpatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE. B'hekk, ma ntbagħtet l-ebda Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-parti li tinnotifika.

Ma saru l-ebda mistoqsijiet jew sottomissjonijiet mill-partijiet jew minn xi parti terza oħra. Il-każ ma jirrikjedix kummenti partikolari rigward id-dritt tas-smigħ.

Brussell, il-25 ta' Ġunju 2008.

Karen WILLIAMS

⁽¹⁾ Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' l-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21).

Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-2 ta' Lulju 2008

li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE

(Każ COMP/M.4942 — Nokia/Navteq)

(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

(2009/C 13/06)

Fit-2 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni sħiħa hija disponibbli fl-ilsien awtentiku tal-każ u fl-ilsna proċedurali tal-Kummissjoni fuq il-websajt tal-internet tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html

I. IL-PARTIJET

- (1) Il-Korporazzjoni Nokia ("Nokia, Finlandja") tipprovdi tagħmir, soluzzjonijiet u servizzi għal netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi. Il-kumpanija hija magħrufa prinċipalment bħala produtture ta' settijiet tat-telefown ċellulari ("telefowns ċellulari"). Nokia bi ħsiebha wkoll tiżviluppa servizzi online permezz tal-portal "OVI", li jinkludi dawk li jissejħu Servizzi bbażati fuq il-post ("LBS").
- (2) Il-Korporazzjoni Navteq ("Navteq", l-Istati Uniti tal-Amerika, "l-Istati Uniti") hija fornitriċi ta' dejta għal mapep diġitali li tintuża f'apparat ta' navigazzjoni u biex tipprovdi varjetà wiesgħa ta' LBS.

II. KONĊENTRAZZJONI

- (3) Fl-1 ta' Ottubru 2007, Nokia ħabbet li ffirmat ftehim li bih kienet se takkwista l-ishma kollha u opzjonijiet pendenti f' Navteq. It-tranżazzjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

III. L-ARTIKOLU 4(5) RIFERIMENT

- (4) Il-partijiet tal-konċentrazzjoni ma jilhqax iż-żewġ limiti ta' fatturat alternattivi stabbiliti fl-Artikolu 1(2) u 1(3) tar-Regolament tal-Amalgamazzjoni. It-tranżazzjoni setgħet ġiet irriveduta taħt il-liġi nazzjonali għall-kontroll tal-amalgamazzjonijiet fil-11-il Stat Membru, [Sigriet tan-Negożju].
- (5) Fit-22 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni motivata min-naħa ta' Nokia li biha l-kumpanija talbet għal referenza lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. L-ebda Stat Membru m'għamel oġġezzjoni għar-referenza tat-tranżazzjoni lill-Kummissjoni. It-tranżazzjoni hija għalhekk ikkunsidrata li

għandha dimensjoni fil-Komunità u ġiet eżaminata mill-Kummissjoni.

IV. SWIEQ RILEVANTI

1. Swieq "upstream"

- (6) Navteq tikkumerċjalizza databases tal-mapep diġitali navigabbli u ta' dawk mhux navigabbli. Iż-Żewġ kategoriji ta' mapep jistgħu jintużaw għall-inklużjoni ta' Servizzi bbażati fuq il-post fis-settijiet tat-telefown ċellulari. Permezz tal-mapep navigabbli huma possibbli applikazzjonijiet ta' navigazzjoni fil-pront spjegati pass pass. Madankollu databases ta' mapep diġitali mhux navigabbli jirrappreżentaw inqas minn 5 % tad-dawran ta' Navteq.
- (7) Wara l-analiżi tal-kompetizzjoni li wettqet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda tħassib dwar kompetizzjoni mhu previst fis-suq "upstream" għal databases tal-mapep diġitali mhux navigabbli, notevolment peress li jeżistu numru ta' kompetituri, u minħabba li l-ostakoli għad-dħul fis-suq huma limitati. Għalhekk, il-Kummissjoni ffukat l-analiżi tal-kompetizzjoni tagħha fuq databases tal-mapep diġitali mhux navigabbli fis-suq "upstream", u fis-swieq "downstream" rilevanti.

Databases tal-Mapep Diġitali Navigabbli

- (8) Hekk kif għamlet fid-deċiżjoni reċenti *TomTom/Tele Atlas*, il-Kummissjoni ddefenit suq rilevanti fejn ġew previsti databases tal-mapep diġitali navigabbli, fejn il-kopertura ġeografika tad-databases tiddertermina l-iskop tal-prodott fis-suq. Id-delinjazzjoni eżatta tal-prodotti rilevanti fis-suq — jiġifieri jekk id-databases li jkopru l-pajjiżi individwali, ir-reġjuni jew iż-ŻEE sħiħa jikkonstitwixxu jew ma jikkonstitwixxu swieq separati tal-prodotti — tista' tibqa miftuħa peress li ma taffetwax l-evalwazzjoni. Is-suq ġeografika rilevanti hija dinjija fl-iskop tagħha.

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

(9) L-istess stampa toħroġ mill-analiżi tal-ishma fis-suq min-għajr kusiderazzjoni għall-liema tip ta' prodott alternattiv se jintuża. Is-suq dinji jew is-swieq dinjin għall-fornitura ta' databases tal-mapep diġitali navigabbli li jkopru ż-ŻEE jikkonstitwixxi/u duwopolju fejn Tele Atlas hija l-akbar attriċi kif evidenzjat minn numru akbar tal-ishma li għandha fis-suq globali tad-databases kollha li jkopru bis-sħiħ jew parzjalment iż-ŻEE (Navteq: 40-45 %, Tele Atlas: 55-60 %), fis-suq tad-databases li jkopru r-reġjuni u fis-swieq akbar tal-pajjiżi individwali bħal databases li jkopru Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja jew ir-Renju Unit.

(10) L-investigazzjoni tas-suq fil-każ preżenti kkonfermat is-sejbiet li haġġu fil-beraħ fid-deċiżjoni reċenti *TomTom/Tele Atlas* kemm fir-rigward il-ħin stmat u n-nefqa tad-dħul, kif ukoll fir-rigward il-probabbiltà li se jseħħ id-dħul u li se jkollu impatt. Filwaqt li l-Kummissjoni ma teskludix li jista' jseħħ dħul marġinali, id-dħul fis-swieq għall-fornitura ta' databases tal-mapep diġitali navigabbli li jkopru ż-ŻEE mhux se jkun la f'waqtu, jiġifieri suffiċjentament fil-pront u kontinwu, u lanqas suffiċjenti, fir-rigward tal-iskop u d-daqs tiegħu, biex jostakola jew jeqred għal kollox kwalunkwe effett kontra l-kompetizzjoni marbut mal-akkwist ta' Navteq minn Nokia.

2. Is-suq Intermedjarju

Softwer ta' navigazzjoni

(11) Softwer ta' navigazzjoni jikkombina d-dejta li tinsab f'database ta' mappa diġitali mat-ftittix ta' pożizzjoni ġeografika minn-riċevitur ta' GPS. Is-software ta' navigazzjoni juża algoritmu biex jikkalkula r-rotot u jagħti direzzjonijiet spjegati pass pass fuq l-iskrin u bl-użu ta' gwida bil-vuċi. Ħafna mill-produtturi tas-settijiet tat-telefown ċellulari u l-biċċa l-kbira tal-MNOs ma' jipproduċux software ta' navigazzjoni fl-istabiliment tagħhom stess. Dawn il-kumpaniji tipikament jakkwistaw software ta' navigazzjoni minn partijiet terzi li jiżviluppaw software.

(12) Bħalma ġara f'*TomTom/Tele Atlas*, il-Kummissjoni kkunsidrat li hu xieraq li tiddefenixxi suq uniku ta' prodott għal software ta' navigazzjoni li jħaddan it-tliet tipi ta' software kollha (abbord, mhux abbord, u ibrida) mingħajr kunsiderazzjoni għall-użu finali (jiġifieri software li jintuża f'PNDs, f'PDAs, f'settijiet tat-telefown ċellulari u f'applikazzjonijiet oħra). L-iskop ġeografiku ta' dan is-suq huwa dinji.

(13) Nokia hija attiva fis-suq għall-fornitura ta' software ta' navigazzjoni permezz tas-sussidjarja tagħha gate5 AG li akkwistat fl-2006. Is-sehem tas-suq ta' Nokia/gate5 huwa limitat; [5-10] % tas-suq kummerċjali fl-2006 (l-akbar fornituri huma NAVIGON: [20-30] %, Nav N Go [15-20] % u Destinator:[15-20] %). Għadd kbir ta' kumpaniji huma attivi f'dan is-suq (Nokia telenka 23 fornituri fin-notifika) u l-ostakoli għad-dħul fis-suq jidhru li huma limitati.

3. Żewġt iswieq "downstream"

(14) Il-Kummissjoni identifikat żewġt iswieq "downstream" relevanti: (i) Applikazzjoni ta' navigazzjoni għal settijiet tat-telefown ċellulari; u (ii) Settijiet tat-telefown ċellulari. Databases tal-mapep diġitali navigabbli jintużaw fl-applikazzjonijiet kollha ta' navigazzjoni, kif ukoll għal numru, li dejjem qiegħed jiżded, ta' settijiet tat-telefown ċellulari b'funzjoni ta' navigazzjoni installata minn qabel ġo fihom.

3.a. Applikazzjonijiet ta' navigazzjoni għal settijiet tat-telefown ċellulari

(15) Applikazzjonijiet ta' navigazzjoni għal settijiet tat-telefown ċellulari jistgħu jinbiegħu flimkien mas-sett tat-telefown jew indipendentement bħala prodott adizzjonali fis-suq, u jikkonsistu f'database ta' mappa diġitali u software ta' navigazzjoni li juża d-database u l-informazzjoni minn riċevitur ta' GPS biex jipprovdri informazzjoni dwar il-pożizzjoni attwali tal-utent u, fil-każ ta' applikazzjonijiet aktar avvanzati, jipprovdri istruzzjonijiet grafiċi u bil-vuċi dwar kif wieħed għandu jagħmel biex jilħaq destinazzjoni li ntaġħzlet.

(16) Il-biċċa l-kbira tal-Operaturi tan-Netwerks Mobbili (MNOs) fiż-ŻEE pereżempju diġà b'dew, jew bi ħsiebhom joffru, servizzi bħal dawn lill-klijenti tagħhom. Applikazzjonijiet ta' navigazzjoni għal settijiet tat-telefown ċellulari jistgħu jikkonsistu wkoll minn software ta' navigazzjoni li nxtara minn konsumaturi finali fil-ħwienet jew minn fuq il-websajts ta' dawk li żviluppaw is-software. (Pereżempju, in-navigatur mobbli TomTom 6). Dawn l-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu mkebbin ma' settijiet tat-telefown, pereżempju meta MNO jipromwovi sett tat-telefown u jinkludi fih it-tip ta' servizz ta' navigazzjoni li jaqa' taħt il-marka tiegħu. Aċċess għal applikazzjonijiet ta' navigazzjoni għal settijiet tat-telefown ċellulari jista' jsir permezz ta' programmi għall-użu tal-internet.

(17) F'għajnejn l-utent finali, dawn l-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni mwassla permezz ta' dawn il-mezzi differenti huma simili ħafna. Għal dawn ir-raġunijiet mhux wiegħet li jiġu definiti swieq separati għall-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni li jiddependu fuq il-mezz ta' bejgħ.

(18) Għall-kuntrarju ta' applikazzjonijiet fuq l-internet li joffru sistemi għall-identifikazzjoni ta' rotot bażiċi (Google Maps, Mappy.com, eċċ). l-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni avvanzati joffru navigazzjoni fil-pront bi spjegazzjoni mogħtija pass pass u akkumpanjata minn istruzzjonijiet bil-vuċi. Jintħieġu wkoll software ta' navigazzjoni speċjali li jridu jiġu installati fl-apparat. Applikazzjonijiet ta' navigazzjoni bħal dawn jistgħu jiddaħħlu abbord is-sett tat-telefown ċellulari jew ikunu miżmuma fuq server ċentrali fejn jista' jsir aċċess mingħajr wajer għalihom permezz tas-sett tat-telefown (mhux abbord) Sistemi ibridi jikkombinaw l-elementi ta' applikazzjonijiet mhux abbord ma' elementi ta' applikazzjonijiet abbord. Fl-aħħar mill-aħħar mhux wiegħet neċessarju li jkun definiti swieq separati għal applikazzjonijiet ta' navigazzjoni, dawk ibridi, u dawk abbord jew mhux abbord.

- (19) Minkejja li differenzjazzjoni ulterjuri ma' tistax tkun eskluża fil-futur, għall-fini ta' din id-deċiżjoni suq uniku relevanti għall-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni għas-settijiet tat-telefown ċellulari jistgħu jkunun definiti. B'kunsiderazzjoni għall-iskop ġeografiku, il-fornitura tal-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni tikkostitwixxi minn tal-inqas suq mifrux maż-ŻEE u possiblament suq dinji.

Kundizzjonijiet tas-suq

- (20) Peress illi l-fornitura ta' servizzi ta' navigazzjoni marbutin mas-settijiet tat-telefown ċellulari hija industrija li għadha fl-infanzja tagħha, l-ebda dejta affidabbli, bħal ishma fis-suq, mhi disponibbli, mingħajr kunisderazzjoni għall-mezz ta' twassil. L-investigazzjoni tas-suq tindika li hemm għadd kbir ta' kompetituri. Il-MNOs igawdu mill-vantaġġ ta' relazzjoni diretta kummerċjali mal-konsumaturi, li tibqa' għaddeja, u tista' tuża din il-pożizzjoni biex tbigħ applikazzjonijiet ta' navigazzjoni fuq is-settijiet tat-telefown ċellulari. Filwaqt li fornituri ta' softwer ta' navigazzjoni, minkejja li għandhom il-kompetenza teknika neċessarja, imorru minn taħt minħabba li m'għandomx kuntatt regolari mal-konsumaturi. Finalment, il-fornituri ta' applikazzjonijiet ta' navigazzjoni fuq l-internet igawdu mill-vantaġġ li huma aċċessibbli permezz ta' programmi mobbli għall-użu tal-internet (Google Maps, OVI minn Nokia).
- (21) L-ostakoli għad-dħul fis-suq tal-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni tas-settijiet tat-telefown ċellulari, huma ftit. Numru ta' fornituri ta' softwer ta' navigazzjoni (li joperaw fis-suq intermedjarju) jiżviluppaw proddotti mingħajr marka li jistgħu jaqgħu taħt il-marka tal-MNOs jew ta' atturi oħra.

3.b. Settijiet tat-telefown ċellulari

- (22) Settijiet tat-telefown li huma mgħammrin b'applikazzjonijiet ta' navigazzjoni huma fost it-tipi ta' apparat ta' navigazzjoni prinċipali. Apparati ieħor li għandu funzjoni ta' navigazzjoni huma l-PNDs u l-PDAs. PNDs, PDAs u settijiet tat-telefown b'funzjoni ta' navigazzjoni huma mmirati lejn il-ħtijiet differenti tal-konsumatur. Fgħajnejn il-konsumaturi, hemm sostitwibilità limitata bejn is-settijiet tat-telefown ċellulari u tipi oħra ta' apparat għan-navigazzjoni. Sett tat-telefown ċellulari huwa apparat ta' komunikazzjoni multifunzjonali li jintuża prinċipalment għall-komunikazzjoni bit-telefown, fejn il-funzjoni ta' navigazzjoni hija biss waħda fost ħafna mill-funzjonalitajiet disponibbli. Minħabba li hemm funzjonalitajiet differenti, tipi differenti ta' apparat ta' navigazzjoni ma jistgħux jitpartu kif wieħed jixtieq. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li s-settijiet tat-telefown ċellulari jagħmlu parti minn suq tal-prodott separati relevanti.
- (23) Huwa komuni li l-aktar funzjonalitajiet reċenti jkunu introdotti fis-settijiet tat-telefown l-aktar għaljin u jiġi adottati relattivament fil-pront f'varjetà akbar ta' settijiet tat-telefown ċellulari jekk il-funzjoni tintogħġob mill-konsumaturi. Il-moġġoranza tas-settijiet tat-telefown li jaqgħu bejn dawk bi prezz moderat u dawk bi prezz għoli attwalment għandhom sistemi operattivi li huma kapaċi jappoġġjaw

soluzzjonijiet ta' navigazzjoni. Il-Kummissjoni kkunsidrat jekk inhux xieraq jew le, għall-fini tad-definizzjoni tas-suq, li tagħmel differenza bejn is-settijiet tat-telefown ċellulari li għandhom GPS inkorporat fihom u dawk li m'għandhomx, u kkonkludiet li ma kienx xieraq li jsir hekk. L-ewwel nett, il-maġġoranza tas-settijiet tat-telefown ċellulari li qegħdin jinbiegħu attwalment jistgħu jintużaw għal navigazzjoni grazzi għal sensuri GPS relattivament irħas li jistgħu jiġu konnessi mas-sett tat-telefown ċellulari permezz ta' konnessjoni Bluetooth. It-tieni nett, skond il-previżjonijiet tal-analista, fl-2011 madwar [65-75] % tas-settijiet tat-telefown ċellulari li nbiegħu fil-Punent tal-Ewropa se jkollhom sensur tal-GPS inkorporat fihom.

- (24) Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni tik-kunsidra li l-prodott relevanti jħaddan is-settijiet tat-telefown kollha. Is-suq ġeografika relevanti hija dinjija fl-iskop tagħha.

Kundizzjonijiet tas-suq

- (25) Fis-swieq għall-fornitura tas-settijiet tat-telefown ċellulari, Nokia hija bla dubju l-akbar fornitriċi. Fl-2006 Nokia u l-kompetituri ewlenin tagħha laħqu l-ishma fis-swieq dinjin li ġejjin: Nokia [30-40] %, Motorola [15-25] %, Samsung [10-20] %, Sony Ericsson [0-10] %, LG [0-10] %, BenQ Mobile [0-10] %⁽¹⁾. Varjetà wiesgħa ta' settijiet tat-telefown ċellulari huma kumpatibbli mas-sistemi ta' navigazzjoni u Nokia mhijiex l-unika kumpanija li toffri settijiet tat-telefown ċellulari li jistgħu jintużaw għal navigazzjoni. Is-servizzi ta' navigazzjoni attwalment ma jagħtu l-edbda spinta sinifikanti lill-bejgħ tas-settijiet tat-telefown ċellulari Madankollu il-partijiet jistennu li s-servizzi ta' navigazzjoni se jsiru aktar popolari fil-futur.
- (26) Bħall-biċċa l-kbira tas-swieq elettroniċi, is-suq tas-settijiet tat-telefown ċellulari huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni intensa u d-dħul frekwenti ta' kompetituri ġodda. Barra mill-kompetituri tradizzjonali li l-oriġini tagħhom tinsab fil-produzzjoni u l-bejgħ tas-settijiet tat-telefown ċellulari, prodotti li qegħdin jikkompetu mas-settijiet tat-telefown ċellulari ta' Nokia qegħdin jiġu introdotti minn kompetituri li l-oriġini tagħhom tinsab fis-swieq elettroniċi u f'dawk tat-teknoloġija għolja. Eżempji ta' apparat li qegħdin imorru tajjeb fis-suq jinkludu RIM's Blackberry, Apple's iPhone, Garmin's Nuviphone u Palm.

V. L-EVALWAZZJONI KOMPETTIVA

- (27) Fl-14 ta' Mejju 2008 il-Kummissjoni awtorizzat l-akkwist mingħajr impenji minn TomTom ta' Tele Atlas, il-kompetitur ta' Navteq fil-fornitura ta' databases tal-mapep diġitali navigabbli. Minkejja li amalgamazzjoni bejn Nokia u Navteq hija analizzata b'mod indipendenti u tippreżenta karatteristiċi differenti — b'mod partikolari fis-swieq "downstream" — jeżistu numru ta' similaritajiet bejn iż-żewġ każi. L-analiżi fiż-żewġ każijiet turi li x'ktarx esklużjoni vertikali mhijiex possibbli minħabba li l-entità li għadha kif ġiet amalgamata mhijiex se jkollha l-inċentiv li teskludi.

⁽¹⁾ Sors: notifika.

(28) Il-Kummissjoni ffukat l-investigazzjoni tagħha tas-suq fuq valutazzjoni tal-possibilità li ssir ħsara għall-kompetizzjoni li toriġina bħala riżultat tat-tranżazzjoni dovuta għal (i) effetti mhux ikkoordinati (dħul ta' esklużjoni minn entità-jiet li ġew amalgamati fis-swieq "downstream"; u l-aċċess mill-entità li ġiet amalgamata għall-informazzjoni kunfidenzjali dwar il-kompetituri tagħha U (ii) effetti kkoordinati.

1. Esklużjoni ta' dħul

- (29) Il-Produtturi ta' settijiet tat-telefown ċellulari, l-MNOs, utenti ta' mapep minn fuq l-internet u fornituri ta' softwer ta' navigazzjoni wrew tħassib li Nokia u Navteq jistgħu jeskluduhom mis-suq tad-databases tal-mapep diġitali navigabbli. Strateġija ta' esklużjoni tista' tintlaħaq jew billi jiż-
diedu l-prezzijiet, jew billi jiġu forniti settijiet ta' mapep inferjuri, jew billi jkun hemm dewmien għall-aċċess għal mapep jew attribuzzjonijiet l-aktar reċenti, jew billi jkunu riżervati funzjonalitajiet innovattivi fisem Nokia. Esklużjoni ta' dħul totali ma ġietx ikkunsidrata bħala xenarju possibbli mir-rispondenti fl-investigazzjoni tas-suq.
- (30) Il-Kummissjoni eżaminat (i) jekk l-entità li ġiet amalgamata għandhiex il-kapaċità li teskludi l-aċċess għad-dħul wara li sseħħ l-amalgamazzjoni (ii) jekk se jkollha l-inċentiv li tagħmel dan u (iii) jekk strateġija ta' eżkluzjoni hux se jkollha effett detrementali sinifikanti.

Abilità

- (31) Databases tal-mapep diġitali navigabbli huma komponent kritiku għall-fornitura ta' applikazzjonijiet ta' navigazzjoni tas-settijiet tat-telefown ċellulari bħala applikazzjonijiet ta' navigazzjoni u ma jistgħux jitwasslu mingħajr database ta' mappa diġitali navigabbli. Għall-kuntrarju, mhuwiex ċar jekk databases tal-mapep diġitali navigabbli humiex inseriment kritiku fis-suq tas-settijiet tat-telefown ċellulari peress li applikazzjonijiet ta' navigazzjoni huma biss servizz wieħed fost oħrajn. Il-konsumaturi jistgħu jiddeċiedu li jixtru sett tat-telefown ċellulari mingħajr ma jkollu fih applikazzjonijiet ta' navigazzjoni u minflok ikollhom aċċess għal soluzzjoni ta' navigazzjoni permezz pereżempju, ta' abbonament għal servizz ta' navigazzjoni tal-MNO li toffri s-soluzzjoni. Madanakollu, wieħed jista' jgħid li databases tal-mapep diġitali navigabbli huma komponent importanti għall-produtturi tas-settijiet tat-telefown ċellulari peress li l-partijiet li qegħdin jagħmlu n-notifika għarfuta li applikazzjonijiet ta' navigazzjoni introdotti fis-settijiet tat-telefown ċellulari se jkunu fattur li se jkollu influwenza fuq il-bejgħ ta' dawn is-settijiet tat-telefown, fil-ġejjieni.
- (32) Navteq tgawdi minn qawwa sinifikanti fis-suq tad-databases tal-mapep diġitali navigabbli, fejn qiegħda tikkompeti biss ma' Tele Atlas.
- (33) Ma nistgħux neskludu l-fatt li jistgħu jeżistu kontrostrateġiji f'waqthom u effettivi li jrendu l-esklużjoni min-naħa ta' Nokia u Navteq mhux profitabbli. Garmin, produttriċi ta'

PND, notevolment iffirmit ftehim fit-tul ma' Navteq għall-fornitura ta' databases tal-mapep diġitali navigabbli. Hija awtorizzata biex tbigħhom mill-ġdid flimkien mas-sofwer tagħha. Garmin tista' tkun sa ċertu punt fornitriċi ta' databases tal-mapep diġitali navigabbli għal dawk li jipproduċu s-settijiet tat-telefown ċellulari (!) jew MNOs, u b'hekk taġixxi bħala t-tielet fornitriċi tal-mapep fis-suq. B' dan il-mod, dawk li jipproduċu s-settijiet tat-telefown ċellulari u MNOs ikunu protetti b'mod indirett minn strateġija ta' esklużjoni min-naħa ta' Nokia. Madanakollu, Garmin mhix addattata biex tforni databases tal-mapep lill-fornituri ta' softwer ta' navigazzjoni u fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni fuq l-internet minħabba li dawn il-klijenti jivviluppaw is-sofwer ta' navigazzjoni tagħhom stess u Garmin hija awtorizzata biss biex tbigħ mapep integrati fl-applikazzjoni li żviluppata.

- (34) Motorola [għandha kuntratt] ma' Navteq It-tieni l-akbar produttriċi tas-settijiet tat-telefown ċellulari [se tkun f'pożizzjoni li tagħmel pressjoni kompetittiva fuq Nokia fir-rigward ta' servizzi ta' navigazzjoni installati f'settijiet tat-telefown ċellulari].
- (35) Il-kwistjoni jekk il-partijiet li qegħdin jagħmlu n-notifika għandhomx il-kapaċità li jeskludu l-kompetituri tagħhom fis-suq "downstream" tista', fl-aħħar mill-aħħar, tibqa' miftuħa, peress illi kif se naraw hawn isfel, Nokia u Navteq m'għandhom l-ebda inċentiv li jagħmlu dan.

Inċentiv

- (36) Wara li jamalgamaw, Nokia u Navteq se jkkunsidraw kif il-bejgħ ta' databases tal-mapep li se jmur għall-kompetituri ta' Nokia, se jaffettwa l-bejgħ tagħhom mhux biss fis-swieq "upstream" iżda f'ta' wara wkoll. Għalhekk, meta tiġi kkunsidrata l-profitabilità ta' strateġija ta' esklużjoni għad-dħul, l-entità li ġiet amalgamata se jkollha tagħżel bejn profitt li se jintilef fis-swieq "upstream" dovut għal nuqqas fil-bejgħ, u profitt li se jirnexxilha tagħmel fis-swieq "downstream" billi żżid l-ispejjeż tar-rivali tagħha.
- (37) Il-Kummissjoni wettqet analiżi kwalitattiva u kwantitattiva fil-fond biex tikkarakterizza l-inċentiv li għandhom Nokia u Navteq f'dan ir-rispett, fis-suq tas-settijiet tat-telefown ċellulari. L-analiżi tagħna wasslet għall-konklużjoni li minkejja li l-profiti li saru minn fuq l-bejgħ ta' settijiet tat-telefown ċellulari huma ħafna iżjed għoljin minn dawk li saru fuq il-bejgħ ta' databases tal-mapep, l-entità li ġiet amalgamata mhijiex se jkollha inċentivi biex teskludi l-kompetituri ta' Nokia fis-suq "downstream". Filwaqt li din l-analiżi hija relatata biss mal-esklużjoni tal-kompetituri li qegħdin jipproduċu settijiet tat-telefown ċellulari, l-inċentiv li għandha l-entità li ġiet amalgamata biex timpenja ruħha f'esklużjoni għal dħul fir-rigward ta' kumpaniji li jfornu applikazzjonijiet ta' navigazzjoni f'settijiet tat-telefown ċellulari permezz ta' mezzi oħra, jidher immaterjali aktar minn qabel, b'mod partikolari meta tiġi kkunsidrata l-presenza limitata ta' Nokia f'dan is-suq u l-profiti limitati li jistgħu jrsiru f'dan il-qasam.

(!) Is-sħubija bejn Garmin u Samsung li tħabbret dan l-aħħar turi n-natura tas-sħubijiet li jistgħu jiffurmaw.

- (38) Numru ta' elementi jillimitaw l-inċentiv li Nokia u Navteq għandhom biex jeskludu l-kompetituri tagħhom fis-suq "downstream" L-ewwel nett, databases tal-mapep jammon-taw fuq medja, għal inqas minn 5 % tal-prezzijiet tal-bejgħ bl-innut tas-Settijiet tat-telefown ċellulari. B'hekk żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-mapep biss jista' jkollha impatt fuq il-prezz tas-settijiet tat-telefown ċellulari. It-tieni nett, is-servizzi ta' navigazzjoni huma biss applikazzjoni waħda tas-settijiet tat-telefown ċellulari fost oħrajn It-tielet, Garmin tista' tbigħ mapep (istallati fis-sofwer ta' navigazzjoni tagħha) lill-kompetituri li ġew esklużi minn Nokia u Navteq, u Motorola, li hija l-akbar kompetitriċi ta' Nokia, [li se tkun fpożizzjoni li tagħmel pressjoni kompetittiva fuq Nokia fir-rigward ta' servizzi ta' navigazzjoni installati fsettijiet tat-telefown ċellulari].
- (39) Barra minn hekk, l-analiżi ekonomika li twettqet mill-Kummissjoni kkonkludiet li Nokia u Navteq mhu se jagħmlu l-ebda profitt jekk jiżviluppaw kwalunkwe strateġija ta' esklużjoni. L-entità li għet amalgamata għandha takkwista biss bejgħ relattivament limitat fis-suq "downstream" jekk iżżid il-prezzijiet tad-databases tal-mapep għall-kompetituri ta' Nokia u t-telf fid-dħul dovut għal nuqqas fil-bejgħ tad-databases tal-mapep ma jstax jiġi rku-prat b'bejgħ adizzjonali ta' settijiet tat-telefown ċellulari.
- (40) Fid-dawl ta' x'qegħdin ngħidu hawn fuq, l-entità li għet amalgamata m'għandha l-ebda inċentiv biex iżżid il-prezzijiet b'tali mod li jwassal għal effetti li jmorru kontra l-kompetizzjoni fi kwalunkwe suq "downstream".

L-effetti fis-suq "downstream"

- (41) Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, l-effetti ta' kwalunkwe strateġija ta' esklużjoni fis-swieq "downstream" għandhom ikunu limitati ħafna. Il-persentaġġ baxx li d-databases ta' mapep jirrappreżentaw fil-prezz tas-settijiet tat-telefown ċellulari, flimkien mal-ispejjeż involuti fit-tibdil tal-fornitur u l-kompetizzjoni ma' Tele Atlas, għandhom ilkoll l-effett li jillimitaw iż-żieda fil-prezz li Navteq tista' timponi fuq il-kompetituri ta' Nokia.
- (42) Barra minn hekk, x'aktarx li l-eliminazzjoni ta' profitt doppju se jnaqqas il-prezz tas-settijiet tat-telefown ċellulari ta' Nokia li jinbiegħu flimkien ma' applikazzjonijiet ta' navigazzjoni, anke jekk b'mod limitat ħafna. B'kunsiderazzjoni għal x'intqal hawn fuq, it-tranżazzjoni x'aktarx illi mhijiex se twassal għal ħsara kontra l-kompetizzjoni fis-swieq "downstream".
- (43) Il-partijiet li qegħdin iressqu n-notifika ddikjaraw ukoll li effiċjenza fil-prezzijiet u mhux fil-prezzijiet se tkun riżultat tal-amalgamazzjoni L-analiżi li saret mill-Kummissjoni effettivament ikkonkludiet li l-effiċjenza fil-prezzijiet, għalkemm limitata ħafna, tista' titqies bħala riżultat marbut mal-amalgamazzjoni. Għall-kuntrarju, effiċjenza mhux fil-prezzijiet (l-iżvilupp ta' mapep għall-persuna miexja fit-triq) x'aktarx li mhijiex speċifikament marbuta mal-amalgamazzjoni, iżda x'aktarx hija relatata ma' tkabbir fis-suq tal-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni tas-settijiet tat-telefown ċellulari.

2. Aċċess min-naħa tal-Entità li għet Amalgamata għal informazzjoni kunfidenzjali

- (44) Tħassib dwar kunfidenzjalità, kif muri minn xi partijiet terzi, huwa bbażat fuq il-premissjoni li l-konsumaturi ta' Navteq iridu bilfors jikkondividu informazzjoni dwar l-azzjonijiet kompetittivi tal-gejjeni tagħhom mal-fornitur tal-mappa tagħhom. Huma jibzġhu li din l-informazzjoni tista' tintuża għall-iżvantaġġ tagħhom minn dik il-kumpanija assoċjata mal-kumpanija li għet amalgamata, fis-suq "downstream".
- (45) Il-Kummissjoni stabbiliet li l-ammont ta' informazzjoni li għandha valur kompetittiv li tista' tgħaddi bejn Navteq u l-klijenti tagħha hija limitata u tista' titnaqqas aktar. Għalhekk, x'aktarx illi mhuwiex probabbli li l-entità li għet amalgamata se tkun fpożizzjoni li takkwista informazzjoni kompetittiva mill-klijenti tagħha, jekk ikun hemm il-biża' li informazzjoni bħal din tista' tintuża għall-vantaġġ tal-entità li għet amalgamata fis-swieq "downstream" tas-settijiet tat-telefown ċellulari jew ta' applikazzjonijiet ta' navigazzjoni. Barra minn hekk, l-entità li għet amalgamata mhi se jkollha l-ebda inċentiv li ttaffi it-tħassib tal-partijiet terzi dwar kunfidenzjalità. Fid-dwal tan-nuqqas ta' inċentivi li l-partijiet għandhom biex jinpenjaw ruħhom f'esklużjoni għal dħul, x'aktarx li l-partijiet se jirreaġixxu għat-tħassib ta' kunfidenzjalità f'modi diversi, l-aktar importanti billi joffru kundizzjonijiet vantaġġu lill-klijenti tagħhom li jwaqqfuhom milli jsiru minflok klijenti ta' Tele Atlas.

3. Effetti kkoordinati

- (46) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk l-integrazzjoni vertikali ta' Nokia u Navteq hix se toħloq tħassib fir-rigward tal-effetti kkoordinati, u sabet li huwa huwa improbabbli li t-tranżazzjoni se twassal għal effetti kontra l-kompetizzjoni permezz ta' koordinazzjoni għar-raġunijiet spjegati hawn isfel.
- (47) TomTom u Nokia mhumiex attivi fl-istess swieq "downstream" u jappellaw għal kategoriji ta' klijenti differenti. TomTom hija l-akbar distributtur ta' PNDs fl-Ewropa u għandha preżenza marġinali fis-suq tas-sofwer ta' navigazzjoni tas-settijiet tat-telefown ċellulari. Nokia hija l-akbar produttur ta' settijiet tat-telefown ċellulari u bi ħsiebha tiżviluppa l-preżenza tagħha fis-suq tal-applikazzjonijiet ta' navigazzjoni fis-settijiet tat-telefown ċellulari permezz tal-iżvilupp tal-portal tal-internet tagħha OVI, u għandha preżenza marġinali fil-bejgħ tal-PNDs Għalhekk il-konċentrazzjoni la tkabbar, u lanqas toħloq inċentiv għal Nokia u TomTom biex jikkoordinaw l-imġiba tagħhom fis-swieq "downstream".
- (48) L-istruttura tas-suq, fis-suq "upstream" tad-databases tal-mapep diġitali ssir, bħala riżultat tal-tranżazzjoni, aktar simetrika b'żewġ fornituri tal-mapep li huma integrati b'mod vertikali. Madanakollu, l-investigazzjoni wriet li din l-istruttura tas-suq ma twassalx għal koordinazzjoni minħabba li TomTom u Nokia huma attivi fi swieq "downstream" differenti u minħabba f'hekk għandhom struttura ta' inċentiv differenti.

- (49) Nistgħu nqas li TomTom u Nokia għandhom il-koll l-inċentiv komuni li jwaqqgħu l-kundizzjonijiet kummerċjali taħt liema Tele Atlas u Navteq jikkummerċjalizzaw il-mapep diġitali tagħhom, bl-għan li l-apparat u s-servizzi offruti minn TomTom u Nokia jsiru jappellaw aktar lill-klijenti meta mqabbla ma' dawk tal-kompetituri tagħhom. Madankollu huwa improbabli ħafna li strateġija bħal din tkun sostenibbli.
- (50) Id-diviżjoni tas-suq bejn PNDs fuq naħa u settijiet tat-telefown ċellulari u applikazzjonijiet ta' navigazzjoni fuq in-naħa l-oħra, tidher improbabli fid-dawl tal-istenniji ta' tkabbir differenti għall-aħħar. Pereżempju, TomTom/Tele Atlas għandha preżenza limitata ħafna fis-suq tas-soluzzjonijiet ta' navigazzjoni fis-settijiet tat-telefown ċellulari. Għalkemm dan is-suq huwa attwalment limitat fil-valur, huwa mistenni li se jkber b'mod sostenzjali fil-futur. Għalhekk TomTom/Tele Atlas għandhom ikollhom inċentiv qawwi biex ibigħu mapep diġitali ta' navigazzjoni bi prez-zijiet irħas minn dawk offruti minn Navteq, li se jkunu preż-żenti f'dan is-suq li hu mistenni li se jkber aktar mis-suq PND, li jirrapreżenta wkoll is-suq tradizzjonali ta' TomTom. Inkella TomTom/Tele Atlas se tkun fil-periklu li Navteq toħdilha l-bejgħ, u b'hekk tkun eskluża minn bejgħ ta' mapep li ma jkunx kompensat minn nuqqas fil-kompettitività tal-kompetituri diretti tagħha, jiġifieri il-produtturi PND. Għalhekk, l-asimetrija fl-istruttura tal-inċentiv taż-żewġ kumpaniji li huma integrati vertikament ma twassalx għall-koordinazzjoni, peress illi x'aktarx kooperazzjoni bħal din hija insostenibbli.
- (51) Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għal koordinazzjoni ma ntlahqax. Hemm trasparenza limitata ħafna fil-prezzijiet tal-mapep diġitali navigabbli u hemm kuntratti kbar u li ma jsirux ta' spiss, li jagħmlu devjazzjoni minn arrangement kollużiv potenzjali aktar probabbli. Barra min dan, Garmin x'aktarx illi tkun f'pożizzjoni li tfixxkel kwalunkwe koordinazzjoni bejn Navteq u Tele Atlas permezz tal-kuntratt fit-tul li għandha ma' Navteq li jiggarantixxi l-fornitura tagħha tal-mapep diġitali. Kif diġà indikat, Garmin diġà ħabbret li bi ħsiebha tnedi sett tat-telefown ċellulari b'funzjoni ta' navigazzjoni u ħabbret li s-soluzzjonijiet ta' navigazzjoni tagħha se jkunu disponibbli f'settijiet tat-telefown Samsung, fl-Ewropa. [Sigrieti tan-negożju].
- (52) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li huwa improbabli li l-operazzjoni se twassal għal effetti kontra l-kompetizzjoni permezz ta' koordinazzjoni.

VI. KONKLUŻJONI

- (53) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhux ser twassal għal xi tħassib dwar kompetizzjoni li minħabba fih il-kompetizzjoni se tiġi mxejnkla b'mod sinifikanti fis-Suq Komuni jew f'parti sostanzjali minnu. Għalhekk, il-Kummissjoni ddikjarat li t-tranżazzjoni hija kompatibbli mas-Suq Komuni u l-Ftehim taż-ŻEE, skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati. Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.